**Laqgħa Urġenti Straordinarja Nru 20 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , it-Tlieta 2 ta' Settembru 2008 fit-8.15 p.m.**

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | Skużata | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Skużat | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Absent | |
| Kunsillier Christopher Grech | 20.15 p.m. | 21.55 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Absent | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 20.30 p.m. | 21.55 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Din il-laqgħa issejjħet b'mod urġenti bħala waħda straordinarja b'agenda waħda billi is-sottomissjonijiet lill-MEPA jagħlqu il-Ħamis 4 ta Settembru 2008.

**1 Grawnd tal-Għajba – Applikazjoni lill-MEPA mill Mosta Football Club.**

Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-pubbliku jkun jista jitkellem ukoll. Ma kienx hemm oġġezzjoni u din it-talba ġiet milqugħa unanimament. Intalab li tinżamm l-ordni u kulħadd jitkellem wieħed wara l-ieħor mingħajr għajjat.

Is-Sindku spjega li dan il-proġett kien ġie għal għarrieda għax il-Kunsill ma kienx infurmat qabel ma saret l-applikazzjoni mill-Mosta Football Club. Ir-residenti qed joġġezzjonaw għall-ħajt u problemi oħra ta` parking li ser jinħolqu għad-dannu tagħhom. Huwa qal ukoll illi hu personalment kien favur l-isports anzi jixtieq li jiżdiedu l-faċilitajiet ta' l-isports u għandu xewqa li jsir ukoll *swimming pool* pubbliku ġewwa l-Mosta. Iżda, jinsisti li l-logħob għandu jibqa b'xejn u mhux bil-ħlas.

Is-Sindku stieden lis-Sur Charles Abela, President tal-MFC, sabiex jippreżenta u jispjega l-proġett kif propost u emendat. Is-Sur Abela qal li dan il-proġett tal-grawnd huwa għall-Mosta u l-Mostin kollha u mhux għall- benefiċċju tal-Mosta Football Club. Kienu ser jibbenifikaw ukoll diversi skejjel (il-Kulleġġ ta' Santa Marija). Huwa qal li dawn ser ikollhom dritt jużaw il-grawnd fil-ħin li ma jkunx jintuża mill-MFC. Huwa qal li forsi meta saret l-oġġezzjoni oriġinali mill-Kunsill ma sarx studju biżżejjed tal-pjanti iżda llum huwa qed jippreżenta pjanti dettaljati.

Huwa qal li tal-Football Club huma iddispjaċuti li r-residenti ma ikkonsultawx mal-Club qabel saret l-oġġezzjoni.

Ir-residenti qalu li in-notice tal-MEPA tneħħiet mal-ewwel u ma kienx hemm ċans li ssir konsultazzjoni għax kien hemm biss ftit sigħat qabel jagħlaq il-perjodu ta' oġġezzjoni.

Is-Sur Abela qal li l-punt hu li kieku sar meeting qabel saret l-oġġezzjoni kieku l-affarijiet kienu jkunu ċċarati. Mhux minnu li ser jsir ħajt għoli (sur) iżda biss 12 jew 13 il-filati mill-livell tal-bankina tat-Triq Manwella u 15 il-filata mill-wiċċ tal-grawnd. Kien hemm biss *perception* ħażina dwar it-turġien tas-*seating*. Kienu biss 4 tarġiet proposti. Dwar li dan qed isir għall-flus ukoll mhux veru għax dan mhux l-iskop tal-boundary wall. Kien biss f'ċerti logħbiet li ser jiġu ċċarġjati entratura u dan biex jagħmel tajjeb għal spejjes tad-dawl u manutenzjoni. Il-fondi li qed joffri l-Gvern ma humiex biżżejjed anqas biss biex isir it-turf. Huwa jinsisti li kien hemm *misunderstanding.*

Ir-residenti qalu li f'postijiet oħra mkien ma saru ħitan kif propost fil-Mosta. Is-Sur Abela qal li l-ħajt huwa importanti għas-sigurta tal-post.

Ir-residenti qalu li m'għandux issir żona magħluqa int u dieħel lejn l-Mosta iżda għandhu jibqa jkun hemm ftuħ u ħdura (permess tat-turf ġdid) bħala daħla lejn il-Mosta. Huma sostnew li jippreferu jibqa il-grawnd kif inhu bit-trab b'kollox milli jinbena mostru ta' ħajt quddiemhom.

Is-Sindku qal li huwa jissuġġerixxi li jsir kumitat minn 2 rappreżentanti tar-residenti u 2 tal-Club tal-Football u jaraw jekk jistgħux jaslu għall xi forma ta ftehim.

Is-Sur Abela insista li kien hemm ukoll benefiċċji li wieħed għandu jara u mhux biss xi inkonvenjent li jista jinħoloq.

Is-Sur Demartino qal li jekk il-proġett isir, ser jagħti spinta kbira l-quddiem l-isports ġol-Mosta bħalma fil-passat saru ħafna faċilitajiet sportivi oħra min Kunsilli ta'qabel. Għadna naqblu li dan huwa proġett sabiħ u għandu jsir ftehim għall-ġid tal-Mosta kollha. Huwa fatt li kullimkien qed isir bini u r-residenti għandhom jaċċettaw li jekk qabel kien hemm ftuħ quddiemhom issa ser isir ħajt baxx u bl-embellishment kif ordnat mill-MEPA. Wieħed irid jaċċetta li seta sar bini aktar għoli bħal ma qed isir kullimkien.

Dr. Shirley qalet li biex isir ground bħal dan bit-turf, li jinvolvi investiment kbir, hemm bżonn sigurta u għalhekk hemm bżonn ta' *boundary wall*. Is-Sur Abela insista li jekk ma jsirx il-*boundary wall* ma jsirx il-proġett tat-Turf.

Is-Sindku qal li billi jidher li ma kienx hemm ftehim li jsir dan il-kumitat bejn iż-żewġ naħat il-Kunsill kien ser jieħu vot u kullħadd għandu dritt jagħmel rappreżentazzjonijiet jew oġezzjonijiet li jrid hu b'mod privat.

Il-Mozzjoni imressqa tgħid:

**Jekk il-Kunsill għandux oġġezzjoni fuq il-pjanti kif ġew emendati bl-embellishment, ħajt 12 sa 13 il-filata minn wiċċ il-bankina, 15 il-filata minn wiċċ il-grawnd fuq Triq Manwella, u 8 filati minn wiċċ il-bankina fuq Valletta Road.**

**VOTI**

| | | |
|---|---|---|
| IVA | - | 0 |
| LE | - | 6 |
| Astensjoni | - | 1 |

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti li l-kunsill m'għandhux oġġezzjoni u astensjoni waħda - dik tas-Sindku.

Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-MEPA f'dan is-sens.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat 21.55 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv